**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 t'April, 2001**

**Numru 9**

**Avviz. numru 551/00JR**

**Paul u Vincenza konjugi Gauci**

**vs**

**Brian Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 t'April, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm123.00), rapprezentanti danni kagunati lill-atturi mill-konvenut stante incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Jannar, 2000, fit-3.00p.m. f'Mdina Road, Qormi, bejn il-kontendenti meta l-attur kien qed isuq Ford Escort bin-numru DAL-099 u l-konvenut Leyland Cruiser bin-numru FBL-472 liema incident sehh tort unikament tal-**

**konvenut stante negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta b'kontro-talba tal-konvenut prezentata fl-14 ta' Settembru, 2000, li fiha l-konvenut talab il-hlas ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00), u qal li qed jikkontesta t-talba li qed issir kontra tieghu peress li kien l-attur unikament responsabbli ghall-incident u ghalhekk ghamel kontro-talba ghall-ispejjez li garrbet il-vettura tieghu fl-istess incident.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fit-22 ta' Settembru, 2000, fejn intqal illi l-incident in kwistjoni sehh tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regoli tat-traffiku u fi kwalunkwe kaz id-danni pretizi huma eccessivi stante li t-truck tal-konvenut ma' l-incident ma sofra l-ebda hsarat;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax.**

**Semgha x-xhieda ta' Paul Gauci, Pauline Gauci, Anthony Paris, Brian Caruana, P.S.364 Joseph Mangani, Aldo Borg u Henry Sultana. Ra l-affidavit ta' David Mifsud. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li grat f'Mdina Road, Qormi, fit-13 ta' Jannar, 2000, ghall-habta tas-2.00p.m.. Involuti fil-kollizzjoni kienu l-attur bil-vettura Ford Escort numru ta' registrazzjoni DAL-079 u l-konvenut bit-truck Leyland Cruiser numru ta' registrazzjoni FBL-472.**

2. **Iz-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni, cioe` ftit ghat-tela fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug. L-attur kellu lil binthu passiggiera mieghu quddiem.**

3. **It-triq dak iz-zmien kienet imharbta, minghajr sinjali mal-art, u biz-zrar. Mal-genb tat-triq in-naha tax-xellug kien hemm gandott wiesgha xi metru u nofs, u kien hemm barriers tal-"concrete" jisseparaw il-gandott mit-triq.**

4. **Jirrizulta li l-attur kien ghaddej fuq il-parti ta' gewwa cioe` vicin tal-"barriers" tal-"concrete" filwaqt li l-konvenut kien miexi fuq in-naha ta' barra, cioe fuq il-lemin, xi metru il-boghod mis-"centre-strip". Jirrizulta li l-konvenut kien miexi quddiem l-attur. F'waqt minnhom l-attur issorpassa lill-konvenut minn gewwa, u hekk kif issorpassah gie milqut mill-konvenut fuq wara, u tkaxkar ghall xi distanza. L-attur f'dak il-hin zied ftit fil-velocita` biex jiddistakka ruhhu mill-konvenut.**

**Il-konvenut jghid hekk: “Fil-waqt u l-hin giet karrozza quddiemi li qalatni minn gewwa, u hbadt mieghu.” Jghid ukoll li x’hin habtu l-attur kiser u gie quddiemu. Skond il-konvenut: “L-attur hareg il-barra wara li qalani peress li t-triq tidjieq.” Rilevanti dak li jghid il-konvenut li: “L-ewwel darba li rajtu kien x’hin hbatna.” Hekk ukoll jghid li: “Lill-attur ma rajtux ghax kont mohhni fid-dritta tieghi.”**

5. **L-attur jghid li qabel ma qabzu hu kien stenna warajh: “peress li ma kellix spazju minn fejn.” Hekk meta l-konvenut resaq lejn is-“centre-strip” l-attur qala’ minn gewwa, dana minghajr ma’ ghamel indicator jew paqpaq. Hekk ukoll xehdet Pauline Gauci, passiggiera mal-attur li qalet li kien hemm spazju fuq in-naha tat-truck mis-“centre-strip”, pero` ma kienx hemm spazju minn naha taghhom.**

6. **Jirrizulta li z-zewg vetturi kienu ghaddejjin b’xi 30 kfs, u li filwaqt li l-attur effettwa s-sorpass, il-konvenut kien beda jirranka ghat-tela.**

7. **L-attur ikkalkula li wara l-incident, kif spiccaw, it-truck tal-konvenut kien 1.4m il-boghod mis-“centre-strip”. Fil-fatt skond ma xehed is-Surgent PS364 Joseph Mangani it-truck kien distanza ta’ circa metru mis-“centre strip”.**

8. **Jirrizulta li fil-fatt it-triq hemm hija wiesgha seba' metri, u li dak iz-zmien erba' metri u nofs minnha kienu karreggabbli, skond ma xehed Henry Sultana, Perit tad-Dipartiment tat-Toroq. Dana ikkonferma wkoll li t-trinka kienet fid-dritt.**

9. **Ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar jekk kien ghaddej traffiku. L-attur jghid li ma kienx hemm traffiku, u l-konvenut jghid l-oppost.**

10. **Lanqas ma kien hemm qbil dwar jekk it-triq tidjieqx. L-attur jghid li ma tidjieqx, u dana fil-fatt jirrizulta mill-mappa Dok.PG esebita. Il-konvenut jghid li fil-parti fejn kien hemm il-gandott kienet tghaddi karrozza wahda. Dana ta' l-ahhar fil-fatt ma rrizultax, tant li l-attur effettwa s-sorpass minn gewwa.**

11. **Ghalhekk mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-attur effettwa sorpass minghajr ebda preavviz, fi triq imharbta, u li lanqas ma kien fiha linji li jiddividu l-karreggjati. Il-konvenut da parti tieghu kien qed ihares il-quddiem, kif fil-fatt kien fi dmiru li jaghmel. Fil-hin li qed isir is-sorpass il-konvenut beda jzid fil-velocita`. Ma hemmx dubbju li s-sorpass minn gewwa kien jikkostitwixxi manuvra azzardata hafna, u perikoluza, tenut kont tat-triq kif kienet u tax-xogholijiet li kienu ghaddejjin.**

**Kif ritenut fil-kawza "Il-Pulizija vs Anthony Galea" deciza fil-5 ta' Settembru, 1953 (Vol.XXXVII-p.1137):**

> **"Il-fatt li driver ikun isuq, minflok fuq ix-xellug tat-triq, kif iridu r-regolamenti, fuq il-"crown of the road", ma hux deciziv ghas-soluzzjoni ta' kwistjoni dwar liema driver huwa l-htija ta' kollizjoni li tigri."**

**Jigi rilevat li fic-cirkostanzi tal-lokal, l-attur qatt ma jmessu ittenta li jaqbez minn gewwa, mhux biss minhabba li s-sorpass ma kellux isir minn hemm, izda ukoll minhabba l-istat partikolari tat-triq. Ghaldaqstant ghall-kollizzjoni imsemmija kien unikament jahti l-attur.**

**12. Dwar danni, t-tribunal innota li t-truck tal-konvenut, huwa truck li hareg fl-1987. dana jintuza biex jingarr it-terrapien. Ix-xhud David Mifsud li tieghu gie prezentat affidavit, qal biss li hu sewwa t-truck u li d-daqqa kienet fuq in-naha ta' quddiem in-naha tax-xellug. Dan ix-xhud qatt ma kkonferma bil-gurament kemm kienu d-danni ghall din il-hsara. Ma jirrizultax li l-konvenut kellu l-hsarat rekalamti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici stante li ghall-incident kien jahti unikament l-attur, u qed jichad il-kontro-talba tal-konvenut ghad-danni peress illi ma jirrizultax li dana sofra xi danni kif pretiz.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**